# QORTI TAL-MAĠISTRATI (GĦAWDEX)
# ĠURISDIZZJONI SUPERJURI
# SEZZJONI ĠENERALI

## MAĠISTRAT DOTTOR BRIGITTE SULTANA LL.D., LL.M. (CARDIFF), ADV. TRIB. ECCL. MELIT.

Illum, il-Ġimgħa, 30 ta' Ġunju 2023

**Rikors Ġuramentat numru: 77/2018 BS**

**Francis Buttigieg; Frankie, Ronnie u Mario aħwa Buttigieg**

**-vs-**

**Francis Buttigieg**

**Il-Qorti;**

**Rat ir-rikors ġuramentat tal-atturi illi ppremettew:**

(1) ILLI l-esponenti huma proprjetarji ta' diversi porzjonijiet raba 'tan-Nigret' limiti tal-Qala, Għawdex tal-kejl ta' ċirka elf tmien mija u disgħin metri kwadri (1890m2) jew kejl verjuri u konfinanti mit-tramuntana u nofsinhar ma' beni tal-istess konvenut, u lvant ma' beni fil-pussess ta' ċertu Michael Abela jew irjeħat [sic]

verjuri u minn dan il-passaġġ l-istess rikorrenti flimkien ma' oħrajn igawdu dritt ta' passaġġ bir-riġel u huma wkoll flimkien ma' oħrajn l-attwali pussessuri tiegħu u dan l-istess passaġġ jdur mar-raba['] tal- istess rikorrenti mill-punent għat-tramuntana;

(2) ILLI l-esponenti, kif diġà hawn fuq ingħad, huma wkoll l-attwali possessuri flimkien ma' terzi ta' dan il-passaġġ u jużawh biex jgħaddu għar-raba['] li għandhom fil-viċinanzi u minn dana l-passaġġ li huma jużaw kontinwament, l-esponenti ilhom żmien twil jgħaddu minnhu [sic], kif jiġi pruvat dettaljatament waqt is-smiegħ [sic] ta' dina l-kawża;

(3) ILLI l-istess intimat, Francis Buttigieg għamel diversi tentattivi sabiex jimblokka dan l-aċċess permezz ta' tqiegħed [sic] ta' diversi ostakoli bl-iskop biex jippriva lir-rikorrenti mill-użu ta' dan il-passaġġ u kull darba li jsir dan l-ispoll, l-esponenti jkunu pronti u jaqbdu u jneħħu kwalunkwe ostakolu minn dan il-passaġġ biex b'hekk ikomplu jagħmlu użu minnhu [sic] u naturalment għamlu diversi rapporti lill-Pulizija;

(4) ILLI l-Ħadd disa [sic] u għoxrin (29) ta' Lulju 2018, il-konvenut ikkommetta l-aħħar spoll vjolenti u klandestin tiegħu u dana billi permezz ta' bricks, pallet u qanniċ tal-qasab huwa imblokka b'mod definittiv il-aċċess tal-istess rikorrenti għal dan il-passaġġ u dana meta l-ġurnata ta' qabel u ċioè s-Sibt tmienja u għoxrin (28) ta' Lulju 2018 huwa kien ikkometta spoll simili u l-istess rikorrenti kien qabdu u neħħew kwalunkwe ostakolu min[n] dan il-passaġġ;

(5) ILLI nonostanti diversi interpellazzjonijiet, rapporti lill-pulizija u twissijiet, l-istess konvenut baqa' ma spurgax l-aħħar spoll minnhu [sic] kommess u ċioè dak tad-disa [sic] u għoxrin (29) ta' Lulju 2018 u sal-illum [sic] għadu inadempjenti.

**Talbu lil Din l-Onorabbli Qorti:**

1. Tiddikjara illi huwa ikkommetta [sic] spoll vjolenti u klandestin fil-konfront tagħhom kif hawn fuq spjegat u ċio è [sic] billi fid-disa [sic] u għoxrin (29) ta' Lulju 2018 huwa għalaq b'mod definittivament u permanentament l-istess passaġġ, li huwa fil-pussess tal-istess rikorrenti permezz ta' bricks, pallets tal-injam u qanniċ;

2. Tikkundanna lill-istess konvenut sabiex fiż-żmien qasir u perentorju li jiġi lilhu prefiss jispurga l-istess spoll vjolenti u klandestin minnhu kommess u jerġa['] ipoġġu kollox fl-istat prestinu tiegħu;

3. F'każ li dan iż-żmien jgħaddi inutilment għaliex l-istess atturi m'għandhomx jiġu awtorizzati li jagħmlu l-istess xogħlijiet huma għas-spejjeż tal-istess konvenut u dan taħt id-direzzjoni ta' dina l-Onorabbli Qorti.

Bl-ispejjeż, kompriżi dawk tal-ittra uffiċjali datata 13 ta' Awwissu 2018 u bl-inġunzjoni tal-istess konvenut għas-subizzjoni li għaliha min[n] issa huma imħar[r]ka.

**Rat ir-risposta ġuramentata tal-konvenut Francis Buttigieg illi eċċepixxa:**

1. ILLI t-talbiet attriċi huma [i]nfondati fid-dritt u fil-fatt in kwantu ma jissussistux l-elementi rikjesti bil-liġi sabiex jirradikaw l-azzjoni ta' spoll;

2. ILLI mingħajr preġudizzju għall-premess, għandu jiġi ddikjarat li kull ma [sic] seta' għamel I-esponenti sar biex jirreżisti l-vjolenza eżerċitata kontra l-proprjetà tiegħu bl-aġir abbużiv u illegali ta' l-atturi [sic] jew min minnhom;

3. ILLI għalhekk din il-kawża għandha tiġi respinta bl-ispejjeż kontra l-atturi.

Salvi eċċezzjonijiet oħra ulterjuri.

**Rat** li din il-kawża ġiet assenjata lil din il-Qorti kif preseduta fil-5 ta Marzu, 2021;[1]

**Rat** li fil-verbal tal-25 ta' Frar, 2021 l-atturi ddikjaraw il-provi tagħhom magħluqa;[2]

**Rat** il-verbal tal-aċċess li sar fl-24 ta' Marzu, 2022;

**Rat** li fis-seduta tat-22 ta' Marzu, 2023 l-abbli difensuri tal-partijiet ittrattaw oralment u l-kawża ġiet differita għas-sentenza għal-lum;

**IKKUNSIDRAT:**

**I. Preliminari.**

Permezz ta' din il-kawża l-atturi jgħidu li l-konvenut Francis Bittugieg ikkometta spoll meta fid-29 ta' Lulju, 2018 huwa għalaq l-aċċess tagħhom minn passaġġ billi uża *bricks*, *pallet* u qanniċ tal-qasam biex imblokka l-passaġġ.

[1] A fol. 76 tal-proċess.
[2] A fol. 73 tal-proċess.

Jgħidu li din tal-aħħar hija biss waħda minn serje ta' imblokki li l-konvenut wettaq matul is-snin u huma dejjem neħħew tali imbarraturi.

Il-konvenut min-naħa tiegħu jgħid li l-azzjoni tal-atturi hija destinata li tfalli billi r-rekwiżiti neċessarji għal azzjoni ta' spoll huma neqsin.

## II. Provi

### a) Atturi.

**Frankie Buttigieg** xehed permezz ta' affidavit[3]. Jgħid li huwa kien jmur jgħin lil missieru u kien jgħaddi mill-passaġġ fi tfulitu. Jgħid li huma kellhom l-annimali fl-għar u kienu jmorru jagħlufhom, iżda minħabba l-ispoll kommess mill-konvenut, missieru kellu jneħħi l-annimali mill-għar.

**In kontroeżami** jgħid[4] li kellhom l-annimali fl-għar u li hu kien jaħdem l-għalqa ta' ħdejn l-għar. Jgħid li l-annimali llum ma humiex fl-għar għax neħħewhom billi l-aċċess ingħalaq mill-konvenut. Jaqbel li hemm passaġġ ieħor li jiġi minn Triq il-Kunċizzjoni iżda huma qatt ma użaw dak il-passaġġ u li dejjem ġew minn naħa ta' fuq l-għar.

Jiċħad li t-taraġ huwa mkisser u jgħid li l-ġenb tat-taraġ biss tkisser u li kien aktar wiesa', però llum xorta tgħaddi.

Rigward is-siġra tat-tin jgħid li l-fergħa tagħha kienet tagħti 'l isfel u kien il-konvenut li ressaqha biex tagħlaq il-passaġġ.

[3] A fol. 18 tal-proċess.
[4] Seduta tal-5 ta' Lulju, 2022.

Rigward il-*pallet* jgħid li l-konvenut kien għarrafhom li għamel il-*pallet* minħabba r-riħ. Jgħid ukoll li l-*pallet* ma kienx marbut u huma kien jneħħuh biex jgħaddu, però ftit żmien wara l-konvenut għadda l-kannen minn ġol-*pallet*, għamel il-*bricks* u għalaq bil-qanniċ b'tali mod li sadd il-fetħa u huma ma setgħux jibqgħu jgħaddu. Jafferma li huma neħħew l-ostakolu biex jgħaddu, marru l-pulizija u huma fetħu l-kawża kontra l-konvenut.

**Mario Buttigieg** xehed ukoll permezz ta' affidavit[5]. Filwaqt li jikkonferma l-affidavit ta' missieru jżid li fi tfulitu kien jgħaddi mill-passaġġ biex imur jgħin lil missieru fir-raba' li għandhom. Jgħid li fl-għar kellu l-annimali fosthom ħanżira li kien tahielu l-konvenut innifsu u biex tasal għal għar trid bilfors tgħaddi mill-passaġġ li qed jimblokka l-konvenut. Ikompli jgħid li l-annimali kollha kellu jneħħihom minħabba l-ispoll. Iżid jgħid li l-inkwieta mal-attur beda meta l-attur qalu lill-konvenut li l-ġwiebi tal-ilma huma tagħhom u li hu ma għandux minnhom.

**L-attur Francis Buttigieg** fl-affidavit[6] tiegħu jgħid li huwa s-sid ta' diversi prozjonijiet raba' fl-inħawi magħruf bhala «Tan-Nigret». Jgħid li jiftakar li meta kien ħaj missieru kienu jmorru fl-għelieqi tagħhom f'«Tan-Nigret» u jibqgħu sejrin għal ġo «Tal-Marġa». Jgħid li huwa dejjem għadda mill-passaġġ kif jgħaddu oħrajn u dan il-passaġġ minn dejjem kien jintuża.

Jispjega li l-passaġġ jgħaddi minn ġo l-art ta' Salvu Buttigieg—missier il-konvenut. Meta l-art inqasmet l-art li minnha jgħaddi il-passaġġ messet lil Kelina Buttigieg—oħt il-konvenut. Il-konvenut imbagħad xtara l-art mingħand oħtu.

[5] A fol. 19 tal-proċess.

Jispejga li l-inkwiet beda meta l-konvenut wara li b'donazzjoni mingħand zitu Rosa Buttigieg kiseb xi raba' oħra, huwa mar jirreġistra tali art u fir-reġistrazzjoni daħħal il-ġwiebi. Jgħid li la Rosa u lanqas Salvu Buttigieg ma kellhom minn dawn il-ġwiebi u għalhekk l-atturi kellmu lill-konvenut biex jirranġa r-reġistrazzjoni bil-kelma t-tajba. Jgħid li wliedu saħansitra marru mal-konvenut għand in-Nutar Mariosa Grech, iżda l-konvenut ma riedx jirranġa jekk l-attur ma jagħtihx il-kunsens tiegħu biex jieħu mill-ilma fil-ġwiebi. Meta l-attur ma aċċettax il-konvenut beda jikkometti l-ispoll u jagħlaq l-aċċess tal-atturi.

Dan l-attur jagħti rendikont ta' d-diversi azzjonijiet mwettqa mill-konvenut u jgħid li wliedu kienu jmorru u jneħħu l-imbarraturi li kien jagħmel il-konvenut, sakemm fl-aħħar imbarra bil-ġebel u l-qanniċ u ddeċidew illi jiftħu il-kawża tal-lum. Jgħid il l-konvneut jinjora lil kulhadd anke lill-pulizija.

**In kontroeżami** jgħid[7] li meta kien hemm il-*pallet* fil-fetħa kien ineħħiha u jgħaddi xorta. Rigward it-taraġ imkisser jgħid li huwa xorta waħda kien jgħaddi.

Jispjega li kien jgħaddi xorta waħda minkejja li l-għar kien waqa' ftit.

Itenni li ilu erba' (4) snin ma jinżel hemm isfel. Għal darba oħra jgħid li l-konvenut għalaq il-passaġġ għax huwa ma jridx jiffirmalu biex jieħu l-ilma mill-ġiebja.

---

[6] A fol. 20 tal-proċess.
[7] Seduta tal-21 ta' April, 2022.

**Michelina Cefai** prodotta mill-atturi permezz ta' affidavit[8] tgħid illi hija ilha mwielda u tgħix il-Qala. Tghid li biex jmorru fl-għelieqi li għandhom f'«Tal-Marġa» huma kienu jgħaddu minn passaġġ li jien jgħaddi mill-art propjetà ta' Salvu Buttigieg. Tgħid li anke n-nies kienu jużaw il-passaġġ biex imorru jixtru l-ħaxix mingħandhom.

Tiddeskrivi l-passaġġ li kien man-naħa tax-xellug tar-raba' li jidher f'Dok A[9] u jibqa' sejjer għal entratura li hemm fil-ħajt liema entratura tidher fil-kantuniera tan-naħa ta' fuq immarkata b'ċirku aħmar. Tiddikjara li l-qanniċ tal-qasab ma kienx hemm u minflok kien hemm il-passaġġ.

**In kontroeżami** tgħid[10] li wara li waqa' l-għar hija baqgħet tgħaddi xorta waħda. Tispjega li kienet iżżomm mal-ħajt u tgħaddi xorta waħda. Tinsisti li kull min kien ikun irid imur il-kappella tal-Kunċizzjoni u kien joqgħod fuq il-Wardija kienu jgħaddi minn hemm.

**Josephine Buttigieg** ikkonfermat illi hija minn dejjem tgħix il-Qala u li l-familja tagħha kellha raba' fl-inħawi magħruf bħala «tan-Nigret». Tgħid li dan ir-raba' huwa viċin it-territorju magħruf bħala «Tal-Marġa». Tispjega li kienu jgħaddu minn dan ir-raba' ta' kuljum u kienu jagħmlu dan billi jgħaddu minn passaġġ li kien jgħaddi mir-raba' ta' Salvu Buttigieg. Tgħid li fl-2018 sabet il-passaġġ magħluq.[11]

Tikkonferma wkoll li l-imblokk tal-passaġġ ma kienx hemm qabel u li kienu jgħaddu mill-entratura li hemm fil-ħajt mingħajr tfixkil.

**In kontroeżami** tgħid[12] li l-għar imwaqqa' u t-taraġ imkisser ma tiftakarhomx.

**Angela Cefai** xhud oħra prodotta mill-atturi permezz ta' affidavit[13] tgħid li hija kienet tgħaddi mill-passaġġ biex

tmur għand ommha. Hija tagħti l-istess deskrizzjoni tal-passaġġ kif mogħtija mx-xhieda l-oħra.

In **kontroeżami** din ix-xhud tgħid[14] li ilha ma tgħaddi minn dan il-passaġġ.

**Conette Portelli** permezz ta' affidavit[15] tgħid li hija kienet tgħaddi mill-passaġġ biex tmur il-kappella tal-Kunċizzjoni. Tgħid li hija kienet tgħaddi minn Triq il-Barbaġann u mbagħad tikser għal ġol-passaġġ li kien jgħaddi mir-raba' tan-Nigret u kienet tasal għall-kappella. Tgħid li r-raba' kien ikun maħdum iżda il-passaġġ kien ikun imballat.

**In kontroeżami** tgħid[16] li hija ma baqgħetx tgħaddi mill-passaġġ wara li semgħet li waqa' l-għar u ilha ma tgħaddi minn hemm madwar għaxar (10) snin.

**Maria Conetta Theuma** tgħid illi hija twieldet u tgħix il-Qala. Tgħid ukoll li hija u l-familja tagħha kienu jgħaddu mill-passaġġ biex jmorru għand in-nanna. Tkompli tgħid li meta fl-2019 ġiet biex terġa' tgħaddi mill-passaġġ biex tmur taqta' l-kappar sabet il-passaġġ imblukkat. Din ix-xhud turi wkoll l-entratura imblukkata kif tidher fir-ritratti esibiti a fol. 52 sa fol. 54 tal-proċess.[17]

[8] A fol. 38 tal-proċess.
[9] A fol. 43 tal-proċess.
[10] Seduta tal-21 ta' April, 2022.
[11] A fol. 42 tal-proċess.
[12] Seduta tal-21 ta' April, 2022.
[13] A fol. 46 tal-proċess.
[14] Seduta tal-21 ta' April, 2022.
[15] A fol. 50 tal-proċess.
[16] Seduta tal-21 ta' April, 2022.
[17] A fol. 51 tal-proċess.

F'affidavit ulterjuri tgħid illi fl-2018 sabet *pallet* fl-entratura iżda din il-*pallet* kienet b'tali mod li tista' tgħaddi xorta waħda mill-entratura mentri bl-imblokk li hemm illum ma tistax tgħaddi.[18]

**In kontroezami** tgħid[19] li kienet tgħaddi minn fuq l-għar bit-tfal biex tmur għand ommha. Iżżid li tħobb taqta' l-kappar u allura kienet tgħaddi mill-passaġġ però bl-imbarratura ma setgħetx tgħaddi aktar u kien ikollha titla' mal-ħajt. Tiċħad li l-għar huwa mwaqqa' u tinsisti li hija tgħaddi minn fuq l-għar.

**Ronnie Buttigieg** permezz ta' affidavit[20] jgħid li huwa jiġi bin l-attur Francis Buttigieg. Jikkonferma li r-ritratti esibiti ħadhom huwa stess. Isostni li l-passaġġ qatt ma kien imblukkat qabel l-ispoll imwettaq mill-konvenut.

**In kontroeżami** jgħid[21] li r-raba' tal-konvenut tinsab fuq is-sies però jinsisti li qatt ma kien hemm qanniċ mal-fetħa. Jinsisti li qabel il-qanniċ kien biss fuq il-ħitan li jdawwru l-għalqa. Jgħid ukoll li meta l-konvenut akkwista l-għalqa fl-2015 huwa dawwar l-għalqa biss bil-qanniċ u mhux il-fetħa ukoll.

Jinsisti li l-fetħa ssakkret fl-2018. Jiċħad li t-taraġ ilu snin imblukkat.

Rigward it-taraġ jgħid li hemm biċċiet minnu mkisser però hemm wisa' biżżejjed li tgħaddi. Jinsisti li huwa jgħaddi sewwa mit-taraġ minkejja li biċċa minnu tkissret.

Jiċċara li r-raba' ħdejn l-għar huwa tal-familja tiegħu u jaħdmuh.

**Anglu Mizzi** prodott mill-atturi xehed[22] illi huwa jgħaddi mill-passaġġ biex imur għall-kappella tal-Kunċizzjoni.

Jgħid ukoll li huwa kien jghaddi mill-passaġġ minn ġol-għalqa. Jirrimarka illi qabel kien hemm passaġġ li jidher li llum qed jinħarat. Jgħid li ipprova jgħaddi mill-passaġġ u sabu magħluq.

**In kontroeżami**[23] jgħid illi dak li qal fl-affidavit kien jirreferi għal perjodu meta kien tfal. Jgħid ukoll li dan l-aħħar kien jgħaddi mit-taraġ li hemm fuq l-għar u għalkemm hemm xi tarġiet miksurin xorta tista' tgħaddi. Jaċċetta li r-raba' hemmhekk huwa espost għar-riħ.

**In rieżami** jiċċara li meta pprova jgħaddi sentejn u nofs ilu sab l-entratura magħluqa u li ma kienx għadu passaġġ kif jiftakru.

**Il-Perit Alex Bigeni** prodott mill-atturi permezz ta' affidavit jgħid illi fuq talba tal-atturi huwa ġabar ritratt mill-ajru tal-entratura tal-2016 u minn dan ir-ritratt jidher li l-entratura ma kinitx magħluqa.[24]

b) **Konvenut.**

Il-**konvenut Francis Buttigieg** xehed permezz ta' affidavit[25]. Huwa jgħid li għandu diversi apprezzamenti ta' raba' fl-inħawi kif ukoll igwadi d-dritt li jieħu l-ilma minn tlett (3) ġwiebi u spiera.

[18] A fol. 70 tal-proċess.
[19] Seduta tal-21 ta' April, 2022.
[20] A fol. 55 tal-proċess.
[21] A fol. 129 *et seq* tal-proċess.
[22] A fol. 62 tal-proċess.
[23] Seduta tas-17 ta' Marzu, 2022.
[24] A fol. 71 tal-proċess.
[25] A fol. 80 tal-proċess.

Jgħid ukoll li akkwista l-art in kwistjoni mingħand oħtu Michelina u żewġha Zarenu Vella fl-4 ta' Diċembru, 2015 fl-atti tan-Nutar Spiteri Cauchi. Jgħid illi billi oħtu tgħix il-Kanada huwa kienu ilu jieħu ħsieb dan ir-raba' billi fost affarijiet oħra rranġa l-ħitan u għamel qanniċ tal-qasab biex jilqa' r-riħ. Jgħid li anke meta r-raba' kien għand missieru kien hemm dan l-ilqugħ għar-riħ.

Jgħid li fl-imgħoddi huwa u missieru kienu jgħaddu mill-entratura li llum hija imblukkata u jinżlu t-taraġ li hemm fil-blat u li taħtu hemm l-għar. Jgħid li billi t-taraġ tkisser illum ħadd ma jgħaddi minn hemm.

Jgħid li s-sidien tar-raba' li hemm f'«Tan-Nigret» għandhom id-dritt jgħaddu minn fuq ir-raba' tagħhom u mhux mill-isqaq tal-Kunċizzjoni li minnu jgħaddu mingħandu r-raba' f'«Tal-Ħalq tal-Marġa».

Skont l-attur it-taraġ kissru l-attur Francis Buttigieg biex in-nies ma jibqgħux jgħaddu għal ġor-raba' tiegħu u jeħdulu l-prodotti. Jgħid li biex tgħaddi mit-taraġ trid tixxabbat u għalhekk ħadd ma għadu jghaddi. Jgħid ukoll li llum biex tgħaddi trid tixxabbat u li s-siġra tat-tin qed tingombra l-passaġġ.

Isostni li mir-ritatt meħud mill-ajru fl-2012 jidher ċar il-qannniċ idawwar l-għelieqi tiegħu.

Rigward l-atturi jgħid li dawn bdew jgħaddu mill-passaġġ war li għamlu pajp li jieħu l-ilma mill-ġiebja għal ġol-għalqa li għandhom f'«Tal-Ħalq tal-Marġa».

Jgħid ukoll li fit-28 ta' Lulju, 2018 huwa sab il-qanniċ u l-*bricks* mormija u mar jaghmel rapport l-għassa. Jgħid li reġa' poġġa kollox f'postu u mbagħad huwa u ibnu qagħdu

moħbija jistennew jaraw min kien ser jgħaddi meta raw lill-uħud mill-atturi jkissru x-xatba u l-*pallets*.

Jinsisti li l-atturi ilhom ma jgħaddu mill-passaġġ għal aktar minn għaxar (10) snin għax hux possibbli u fi kwalunkwe każ ma għandhomx dritt li jgħaddu.

Xehed ukoll bin il-konvenut **Alvin Buttigieg**. **Fl-affidavit tiegħu**[26] huwa jgħid li missieru kien jaħdem l-art qabel ma xtraha mingħand oħtu Mikelina.

Jgħid li hemm fetħa fil-ħajt li qabel kienet tagħti għal fuq taraġ fil-blat li kien jieħu għal mogħdija li tagħti għal Kunċizzjoni. Jgħid ukoll li t-taraġ huwa mkisser u għalhekk ħadd ma għadu jgħaddi minn hemm. Ikompli jgħid li riżultat li l-passaġġ ma għadux jintuża s-siġra tat-tin kibret ħafna u għalqet il-passaġġ bil-friegħi tagħha.

Rigward il-ġurnata tat-28 ta' Lulju, 2018 jispjega li missieru kien qallu li xi ħadd kien qala' l-qanniċ u l-*bricks* u l-*pallet* u huwa mar biex għen lil missieru jpoġġi kollox kif kien.

Jispjega kif l-għada għamlu l-għassa biex jaraw min kien qed iwaqqa' l-imblokk u raw lil uħud mill-atturi li reġgħu waqqgħu kollox. Jgħid li marru jagħmlu rapport l-għassa u għal darb'oħra reġgħu poġġew il-*bricks* u l-*pallet* u l-qasab kif kien.

Jagħlaq billi jtenni dak li afferma missieru li l-atturi ma għandhomx dritt jgħaddu minn hemm u li ilhom ma jużaw il-passaġġ għal dawn l-aħħar għaxar (10) snin.

[26] A fol. 116 tal-proċess.

**Paul Xerri** prodott mill-konvenut permezz ta' affidavit[27] jgħid li huwa u ħuh għandhom ir-raba' f'«Tal-Ħalq tal-Marġa» u li jaslu għalih mill-isqaq tal-Kunċizzjoni. Dan ix-xhud jafferma li l-qanniċ tal-qasab huwa bżonnjuż billi jilqa' r-riħ u għalhekk billi r-raba' tal-konvenut qiegħda fuq is-sies il-qanniċ hemm bżonnu.

Skont dan ix-xhud is-sidien tar-raba' ta' fuq ma għandhomx id-dritt li jgħaddu mill-isqaq tal-Kunċizzjoni billi min għandu r-raba' f'«Tal-Ħalq tal-Marġa» għandu dritt jgħaddi minn hemm.

IKKUNSIDRAT:

**Preliminari**

Din tal-lum hija kawża ta' spoll li qed jagħmlu l-atturi kontra l-konvenut wara li dan skont huma għalqilhom l-aċċess għall-passaġġ billi għalaq fetħa li hemm fil-ħajt bil-qanniċ, *bricks* u *pallet* tal-injam.

Il-konvenut min-naħa tiegħu jiddefendi ruħu billi jsostni li l-qanniċ huwa meħtieġ billi jservi ta' lqugħ għar-riħ li jaħkem ir-raba' f'dawk l-inħawi kif ukoll li l-atturi ma għandhomx il-pussess tal-passaġġ. Jgħid ukoll li l-passaġġ ilu ma jintuża għal aktar minn għaxar (10) snin u li l-atturi ma jgawdu l-ebda dritt ta' mogħdija minn dan il-passaġġ, minbarra l-fatt li dawn għandhom passaġġ ieħor imnejn jgħaddu.

**Ikkunsidrat:**

Minn qari tat-talbiet jirriżulta li l-kawża tal-lum hija kawża ta' spoll u fil-liġi nostrana l-*actio spolii* hija regolata bl-

[27] A fol. 118 tal-proċess.

Artikolu 535 tal-Kodiċi Ċivili, Kap. 16, tal-Liġijiet ta' Malta, li jaqra kif ġej:

> **535.** *(1) Jekk persuna tiġi, bil-vjolenza jew bil-moħbi, [i]mneżżgħa mill-pussess, ta' liema xorta jkun, jew mid-detenzjoni ta' ħaġa mobbli jew immobbli, hija tista', fi żmien xahrejn mill-ispoll, titlob, b'azzjoni kontra l-awtur tal-ispoll, li terġa' tiġi mqiegħda f'dak il-pussess jew f'dik id-detenzjoni, kif jingħad fl-artikolu 791 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili.*
>
> *(2) Dan it-tqegħid mill-ġdid fil-pussess jiġi ordnat mill-qorti, wkoll jekk il-konvenut ikun is-sid tal-ħaġa li tagħha l-attur ikun bata l-ispoll.*

Rigward din it-tip ta' azzjoni jingħad illi «*Il-ġurisprudenza tat-Tribunali tagħna dejjem kienet kostanti fl-interpretazzjoni ta' dawn il-liġijiet fis-sens li l-azzjoni ta' spoll hija 'di ordine pubblico', unikament u esklussivament intiża biex timpedixxi li wieħed jagħmel ġustizzja b'idejh mingħajr l-intervent tat-Tribunal Ċivili u tipprevjeni l-konsegwenzi deplorevoli ta' aġir simili.*»[28]

Ai termini tal-Artikolu preċitat, biex l-Qorti tilqa' t-talbiet tal-atturi dawn iridu jissodisfaw tliet (3) rekwiziti li huma:

i. li huma kellhom il-pussess tal-passaġġ, liema pussess jista' jkun ta' kwalunkwe xorta jew b'detenzjoni—*possedisse*;

ii. li ġew spoljati minn dak il-pussess jew detenzjoni—*spoliatum fuisse*, u;

[28] Vincenzina Cassar et –vs– Annetto Xuereb Montebello, Appell, deċiża fit-28 ta' Mejju 1956.

iii. li intavolaw l-kawża ta' spoll fi żmien xahrejn mill-jum li fih sar l-att spoljattiv allegat minnhu—*infra bimester deduxisse*.

Rigward l-istħarriġ li għandha tagħmel il-Qorti f'kawża bħal dik tal-lum ingħad illi «*Il-Liġi tagħna fl-azzjoni ta' spoll ma tgħatix [sic] lok għall-ebda indaġini oħra barra minn dik li tistabbilixxi (a) il-fatt ta' pussess/detenzjoni u (b) il-fatt ta' spoll. Indaġini limitatissima, rigoruża u skarna li ma tinsab f'ebda leġislazzjoni oħra, u għalhekk, bir-rispett kollu għal deċiżjonijiet li ppermettew indaġnijiet bażati fuq x'jgħidu u x'ma jgħidux ġuristi u awturi Franċiżi u Taljani, huma għal kollox irrelevanti w inapplikabbli fil-kuntest tal-ordinament guridiku tagħna*».[29]

Din il-Qorti ser tibda mit-tielet element u ċjoè ser tindaga u tara jekk l-azzjoni tal-atturi ġietx intavolata *entro* t-terminu ta' xahrejn minn meta seħħ l-att spoljattiv. Jekk jirriżulta li l-azzjoni ma ġietx intavolata f'dak it-terminu allura l-Qorti tkun kostretta tieqaf hawn u l-azzjoni tal-atturi tfalli.

Mill-atti jirriżulta mhux kontestat li l-att spoljattiv seħħ fid-29 ta' Lulju, 2018[30]. Il-kawża ġiet ipprezentata fis-17 ta' Awwissu, 2018, u għalhekk *entro* t-termini ta' xahrejn imposti bil-liġi. Dan ifisser li l-t-tielet element huwa sodisfatt.

Imiss issa li din il-Qorti fl-ewwel lok tevalwa l-fatti sabiex jiġi determinat jekk effettivament l-atturi kellhomx pussess tal-passaġġ meta seħħ l-att spoljattiv. Rigward l-element tal-pussess jingħad illi «*biex il-gabillott jirnexxi fl-azzjoni ta' spoll minnhu [i]ntentata biex jiġi reintegrat fil-pussess ta' passaġġ li fih jippretendi li ġie turbat, jeħtieġlu jipprova li huwa*

[29] Joseph Cilia et –vs– Loreto Camilleri et, Prim'Awla, deċiża fit-12 ta' Ġunju 1998.

[30] Jirriżulta mir-rikors ġuramentat u anke mill-affidavit tal-konvenut inniffsu.

*għandu l-pussess jew kważi pussess esklussiv tal-passaġġ, u mhux biżżejjed li juri li għandu biss id-dritt li jgħaddi mill-passaġġ.»*[31] Dan ifisser illi atti li huma biss fakoltattivi jew li jitħallew li jsiru biss b'mera tolleranza ma jistgħux jintużaw bħala bażi għall-ksib tal-pussess. Huwa fatt illi att ta' tolleranza ma jagħtix lok għal ħolqien ta' pussess.

Fid-dawl ta' dawn l-insenjamenti l-Qorti qieset bir-reqqa l-provi mressqa mill-partijiet. Jibda biex jingħad li l-konvenut jisħaq illi meta hu u missieru kienu jgħaddu mill-passaġġ dan kienu jagħmluh mhux għax kellhom dritt iżda għax kellhom il-permess tan-nies li kellhom ir-raba' n-naħa ta' isfel tal-passaġġ. Skont il-konvenut għalhekk, huwa u missieru kienu jgħaddu mill-passaġġ b'mera tolleranza. Dan iżda ma jfissirx li l-atturi kienu jgħaddu mill-passaġġ b'mera tolleranza wkoll. Infatti l-konvenut ma ġab l-ebda prova li l-atturi kienu jgħaddu mill-passaġġ unikament bil-bona grazzja ta' xi ħadd u għalhekk dan l-argument jfalli.

Barra minn hekk il-konvenut jargumenta li l-atturi ma kellhomx pussess tal-passaġġ billi kienu ilhom żmien twil —aktar minn għaxar (10) snin—ma jgħaddu mill-passaġġ. Mill-banda l-oħra l-atturi jisħqu li huma kellhom pussess sħiħ ta' dan il-passaġġ u jsostnu illi huma kienu jagħmlu użu minnu sakemm il-konvenut għalaq l-entratura[32]. Minbarra x-xhieda prodotta mill-atturi, il-Qorti qieset bir-reqqa l-aġir tal-konvenut u waslet għall-fehma li l-mod li bih aġixxa l-konvenut jikkontrasta u jġib fix-xejn l-argument tiegħu li l-atturi ma kellhomx il-pussess tal-passaġġ de quo. Il-Qorti waslet għal din il-konvinzjoni billi li kieku kien minnu li l-atturi kienu ilhom ma jgħaddu mill-

[31] Giuseppe Cassar et –vs– Paolo Cassar et, Appell, deċiża fil-11 ta' Marzu 1955
[32] Jgħidu li kellhom l-annimali fl-għar u kienu jmorru jagħlfuhom ta' kuljum. Minbarra li kienu jaħdmu l-għalqa fejn hemm l-għar u għalhekk kienu jgħaddu minn dan il-passaġġ ta' sikwit.

passaġġ għal aktar minn għaxar (10) snin u *dunque* ma kellhomx il-pussess tiegħu, xi ħtieġa kellu l-konvenut li jpoġġi *pallet, bricks* u qasab fl-entratura b'tali mod li għalaq għalkollox il-fetħa? Il-fatt illi huwa ddeċieda illi jagħlaq din l-entratura hija indikazzjoni ċara li huwa ried iwaqqaf lill-atturi milli jibqgħu jgħaddu u jagħmlu użu minnha, għax li kieku ma kienx hekk ma kienx jkun hemm l-ebda skop li din tingħalaq. Għalhekk fid-dawl ta' dawn il-fatti kollha tqis li l-ewwel element huwa sodisfatt ukoll.

Imiss issa li l-Qorti tqis it-tieni element u ċjoè dak tal-*spoliatum fuisse*. Rigward dan l-element «...*huwa meħtieġ li jintwera li l-għamil spoljattiv ikun wieħed arbitrarju u magħmul kontra r-rieda tal-possessur b'mod li jista' jagħti lok għal azzjoni ta' danni kontra min ikun wettqu. Huwa wkoll maħsub li l-għamil irid ikun wieħed vjolenti jew imqar mistur għall-għarfien tal-persuna li kellha l-pussess.*»[33]

L-atturi jsostnu li meta marru biex jgħaddu mill-entratura sabuha imbarrata. Min-naħa tiegħu l-konvenut jgħid li l-qanniċ li għamel fuq il-ħitan li jdawwru l-għalqa huwa meħtieġ biex jservi ta' lqugħ għar-riħ li jaħkem ir-raba' tiegħu. Madankollu għalkemm il-Qorti tapprezza li l-qanniċ jintuża biex jilqa' r-riħ u joffri protezzjoni lill-uċuħ tar-raba', mill-banda l-oħra tosserva illi fl-entratura l-konvenut ma poġġiex biss qanniċ fuq il-ħajt kif għamel fuq il-kumplament tal-ħitan l-oħra, iżda minbarra l-qasab għamel ukoll *pallet* u *bricks* b'tali mod li għalaq l-entratura. Dan il-fatt waħdu jindika li l-ħsieb tal-konvenut ma kienx li jilqa' għar-riħ iżda li ma jħallix lil min jgħaddi mill-entratura.

[33] Filomena Ellul –vs– Carmel sive Charles Ellul, Prim'Awla, deċiża fit-23 ta Jannar, 2003.

Barra minn hekk il-konvenut jipprova jilqa' għat-talbiet tal-atturi billi anke jisħaq li l-atturi għandhom passaġġ ieħor alternattiv. Dan l-argument iżda ma jreġix billi fil-każ tal-lum il-Qorti trid tkun sodisfatta mhux jekk hemmx passaġġ ieħor iżda jekk li bl-imbarratura li għamel il-konvenut huwa waqqafx lill-atturi milli jkomplu jagħmlu użu mill-passaġġ mertu tal-kawża u li dan sar kontra r-rieda tagħhom. Infatti ngħad illi «*...sabiex tkun tista' tiġi eżerċitata l-azzjoni ta' spoll, fosthom li l-ispoll isir bil-vjolenza jew bil-moħbi u min jikkometti l-ispoll ikollu l-intenzjoni li jippriva lill-pussessur jew detentur tal-ħaġa mobbli jew immobbli mill-pussess jew detenzjoni li huwa jgawdi*»[34] Mill-provi akkwiżiti infatti jirriżulta li l-imbarratura saret minn wara dahar l-atturi tant li meta huma marru biex jgħaddu sabu li ma jistgħux.

Argument ieħor sollevat mill-konvenut huwa li fi kwalunkwe każ il-passaġġ ma hux passabbli billi t-turġien ta' isfel spiċċaw u l-friegħi tat-tina qed joħonqu dan il-passaġġ. Il-Qorti però tfakkar li hija aċċeddiet fuq il-post personalment u setgħet tosserva li għalkemm it-taraġ li huwa magħmul minn blat imtarraġ, u ma hux wieħed regolari u uniformi, madankollu hija setgħet titla' faċilment mingħajr problemi. Rigward il-friegħi tat-tina tqis li siġra bħal kull ħaġa ħajja oħra tikber u hija ħaġa minn għawl id-dinja li jista' jkun hemm friegħi li jikbru għal ġol-passaġġ madankollu hija tal-fehma ferma li l-atturi ma ġewx ostakolati milli jgħaddu mill-passaġġ tort tal-friegħi tat-tina, iżda biss riżultat tal-imbarratura li għamel il-konvenut fl-entratura.

---

[34] Joseph Baldacchino –vs– Emanuel Falzon Fava, Appell, deċiża fit-22 ta' April, 1988.

Tosserva wkoll li fl-istadju tal-provi tiegħu l-konvenut anke allega li kien l-attur Francis Buttigieg innifsu li kisser it-taraġ tal-passaġġ, però dan il-fatt la ġie ppruvat u wisq anqas issostanzjat.

Għalhekk tenut kont ta' dawn il-kunsiderazzjonijiet kollha l-Qorti tqis li l-atturi jrnexxilhom jissodisfaw l-elementi kollha meħtieġa sabiex il-kawża tagħhom tirnexxi u għalhekk ser tgħaddi biex tilqa' t-talbiet tagħhom.

**DECIDE:**

Għaldaqstant in vista tal-premess u għall-motivi ġa espressi, il-Qorti qed taqta' u tiddeċiedi din il-kawża billi filwaqt li tiddisponi mill-eċċezzjonijiet tal-konvenut:

i) Tilqa' l-ewwel talba;

ii) Tilqa' t-tieni talba u tikkundanna lill-konvenut sabiex fiż-żmien xahar mid-data ta' din is-sentenza jispurga l-istess spoll vjolenti u klandestin minnu kommess u jerġa' jpoġġi kollox fl-istat li kien qabel;

iii) Tilqa' t-tielet talba u tordna li jekk il-konvenut jonqos li jagħmel dak ordnat lilu fit-terminu konċess l-atturi qegħdin minn issa jiġu awtorizzati sabiex jagħmlu l-istess xogħlijiet huma għas-spejjeż tal-istess konvenut.

Bl-ispejjeż kollha jkunu a karigu tal-konvenut.

**(ft.) Dr Brigitte Sultana**
**Maġistrat**

**(ft.) John Vella**
**D/Reġistratur**

**Vera Kopja**

**Għar-Reġistratur**